

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2149****tas-7 ta' Diċembru 2016****li japprova emenda mhix minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Noix de Grenoble (DOP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Noix de Grenoble", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 <sup>(2)</sup> kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1204/2003 tal-Kummissjoni <sup>(3)</sup>.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi <sup>(4)</sup>.
- (3) Permezz tal-ittri rċevuti fit-18 ta' Diċembru 2014 u fil-31 ta' Lulju 2015, l-awtoritajiet Franċiżi kkomunikaw lill-Kummissjoni li l-intrapriżi Les Jumelles Ets Huot, ZA Les Creux, 26600 Gervans u SN Comptoir rhodanien, ZA Les Lots, 26600 Tain-l'Hermitage, stabbiliti fit-territorju tagħhom, barra miż-żona ġeografika kkonċernata, kienu qed jikkummerċjalizzaw legalment il-prodott li għandu d-denominazzjoni "Noix de Grenoble", bħala intrapriżi ta' imballaġġ tal-ġewż, billi użaw din id-denominazzjoni kontinwament għal iktar minn ħames snin u li dan il-punt tqajjem fil-qafas tal-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni. Wara l-emenda fl-ispeċifikazzjoni, iż-żewġ intrapriżi mhux se jkunu jistgħu jużaw id-denominazzjoni mniżżla fir-reġistru minħabba l-limitazzjoni tal-imballaġġ fiż-żona ġeografika.
- (4) Billi l-intrapriżi Les Jumelles Ets Huot, ZA Les Creux, 26600 Gervans u SN Comptoir rhodanien, ZA Les Lots, 26600 Tain-l'Hermitage jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, sabiex jibbenefikaw minn perjodu tranżizzjonali biex jużaw legalment id-denominazzjoni tal-bejgħ wara l-emenda fl-ispeċifikazzjoni, dawn għandhom jingħataw perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin mill-approvazzjoni tat-tali emenda sabiex ikunu awtorizzati jużaw id-denominazzjoni "Noix de Grenoble".
- (5) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Noix de Grenoble" (DOP), hija b'dan approvata.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠUL 148, 21.6.1996, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠUL 168, 5.7.2003, p. 10.<sup>(4)</sup> ĠU C 130, 13.4.2016, p. 12.

*Artikolu 2*

L-intrapriżi Les Jumelles Ets Huot, ZA Les Creux, 26600 Gervans u SN Comptoir rhodanien, ZA “Les Lots”, 26600 Tain-l’Hermitage huma awtorizzati jkomplu jużaw id-denominazzjoni rreġistrata “Noix de Grenoble” (DOP) matul ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---